29 APR 2020

HAŻ-ŻABBAR
Città Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 523**

**It-Tlieta 24 ta' Marzu 2020**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Angel Gwyn Louiselle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Joseph Vella – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**523.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

523.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

**523.2Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

523.2.1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 522.12.26 u minflok il-kelma 'tinqala'' jidħol il-kliem 'tiġi rilokata'.

523.2.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 522.10.7 u minflok il-kelma 'allegat' tidħol il-kelma 'qalet'.

523.2.3 Il-minuti tal-522 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

**523.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

523.3.1 Sabiex tiġi salvagwardjata s-saħħa tal-Kunsillieri u tal-ħaddiema minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti tal-Covid'19, is-Sindku ppropona sabiex matul din il-laqgħa jiġi diskuss biss l-*item* 523.8 - Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti. Is-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

523.3.2 Minħabba li l-Kunsill kien qabel li matul din il-laqgħa ma jiġux diskussi materji oħra ħlief dik tal-iskeda ta' pagamenti, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsillieri preżenti li kienet irċeviet telefonata mingħand uffiċċjal tal-*Planning Authority* fejn infurmata li l-applikazzjoni tal-proġett tal-*bring in sites* fiż-żona tal-Fatah mhux ser tiġi aċċettata u li l-Kunsill għandu jikkonsidra li jirtira l-applikazzjoni qabel ma' l-*case officer* iħejji r-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li hija kienet infurmat lill-Perit tal-Kunsill b'din it-telefonata u ngħatat il-parir li l-applikazzjoni PA 3682/19 għandha tiġi rtirata qabel ma' l-*case officer* iħejji r-rapport. Dan sabiex il-Kunsill jingħata lura l-ammont ta' €1,807, jiġifieri ħamsin fil-mija 50% tal-fondi mħallsa mal-applikazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tibgħat kopja tal-korrispondenza tal-Perit permezz tal-*email* sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jieħu d-deċiżjoni tiegħu.

**523.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

523.4.1 Dan l-*item* ma ġiex diskuss.

**523.5 Laqgha fil-komunità**

523.5.1 Dan l-*item* ma ġiex diskuss.

**523.6 Bus shelter 'Maġġi'**

523.6.1 Dan l-*item* ma ġiex diskuss.

**523.7 Bring in sites**

523.7.1 Dan l-*item* ma ġiex diskuss.

**523.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

523.8.1Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti ghall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Frar 2020 u l-24 ta' Marzu 2020 li kienet tammonta ghal €96,541.29.

523.8.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* ghax-xahar ta' Jannar 2020 li kien jammonta ghal €59.00.

523.8.3Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* ghax-xahar ta' Frar 2020 li kien jammonta ghal €19.50.

**523.9 Deċiżjoni / Aġġudikazzjoni ta' offerti;**

- Xiri ta' Vann tal-Kunsill (ZLC 2/2020)
- Servizz ta' knis u qtugh ta' haxix f'toroq urbani (ZLC 1/2020)

523.9.1 Dan l-*item* ma ġiex diskuss.

**523.10 Tweġibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

523.10.1 Dan l-*item* ma ġiex diskuss.

**523.11 Mozzjonijiet**

523.11.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**523.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

523.12.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgha li jmiss issir nhar it-Tlieta 28 t'April 2020 fis-6.00 ta' filghaxija.

523.12.2Il-laqgħa spiċċat fis-6.25 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-524 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 28 t'April, 2020.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku